Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 562/2015

Il-Pulizja

Spettur Johann J. Fenech

Vs

Wayne Caruana

Illum 3 ta' Novembru, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Wayne Caruana detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 258188 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer fl-4 ta' Frar 2012 u fiz-zmien ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN

292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu, u liema reat gie kommess fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klabb jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

3. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` vettura tal-ghamla Hyundai Getz bin-numru ta' registrazzjoni IQZ 163, liema hsara ma tiskorrix l-€116.47, imma hi izjed minn €23.29, ghad-dannu tal-kumpanija Topcar Services Ltd.;

4. M'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi; kif ukoll

5. Saq vettura tal-ghamla Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni BBR 713 b'giri aktar milli jmiss u b'manjiera traskurata u perikoluza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Lulju, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-imputat mhux hati ta' dik il-parti tal-

ewwel imputazzjoni dwar l-aggravju tad-distanza, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u qeghda tilliberah minnhom, fil-waqt illi sabithu hati ta' dik il-parti tal-ewwel imputazzjoni dwar il-pussess aggravat tad-droga eroina, tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet u ikkundannatu ghall-piena komplessiva ta' disa' (9) xhur prigunerija effettiva u multa ta' disa' mitt Euro (€900), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hati jiskonta l-piena ta' prigunerija li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet tal-habs. B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ikkundannat lill-hati ghall-hlas tal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, erbgha u tmenin Euro u erbgha u erbghin centezmu (€384.44) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' erba' mija, disgha u sebghin Euro u wiehed u sittin centezmu (€479.61), b'kollox tali spejjez ammontanti ghas-somma ta' tmien mija, erbgha u sittin Euro u hames centezmi (€864.05). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sentejn mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat l-iskwalifika tal-hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien seba' (7) xhur dekorribbli mid-data li fiha huwa jiskonta l-piena ta' prigunerija li qeghda tinghata b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat l-konfiska tal-vettura Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni BBR 713 favur il-Gvern ta' Malta u ai termini tal-istess artikolu u tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat wkoll il-konfiska tas-somma ta' elf, sitt mija u disghin Euro (€1,690), formanti parti minn Dokument JF3, favur il-Gvern ta' Malta.

In oltre ordnat d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet kollha (hlief ghall-flus u l-*mobiles*) formanti parti minn Dokument JF 3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment tordna r-rilaxx tal-*mobile phones* formanti parti minn Dokument JF 3 favur il-hati.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Wayne Caruana pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Dicembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn l-appellanti gie lliberat minn numru ta' akkuzi u thassarha u tirrevokaha in kwantu ghall-Ewwel Akkuza billi ssibu hati biss ta' pussess semplici u fin-nuqqas tapplika piena inqas harxa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Lawrence Vella huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi dan l-umli rikors jirrigwardja bis il-kwistjoni tas-sejbien ta' htija ta' l-akkuza ta' pussess aggravate. Illi l-esponenti jikkontendi b' rispett li dak li pronuncjat l-Ewwel Qorti dwaru ma kienx korrett peress li huwa l-ammont ta' droga ta' 1.8 grammi kien esklussivament u limitament ghalih biss u ghal konsum tieghu, b' ebda hsieb anqas minimu ta' spacc. L-esponenti jikkontendi li veramentinstab mizien u xi flus fil-vettura, izda dawn kienu hemm biex jintuzaw mill-appellanti meta jixtri d-droga lit ant kien jiddependi fuqha. Illi l-ammont ta' droga misjub u wkoll il-purita kienu rizorji ghall-ahhar u b' ebda mod ma huma konducenti biex tislet xi inferenza li d-droga kienet ghal xi traffikar. Illi f' dan is-sens l-espoenti jinsab ftit inkwetat u perpless akkadimikament peress li solitament meta tinsab ammont mhux hazing ta' droga, il-Qrati jirrigunaw li hemmek wiehed jista' jitkellem fuq

pussess aggravate, izda fil-kaz in ezami d-droga li nstabet kienet minima u l-esponenti ta' spjega kfedibbli tac-cirkostanzi kollha li kellhom x' jaqsmu ma' dan il-kaz. Illi ghalhekk bid-dovut rispett l-esponenti kellu jigi misjub hati biss ta' pussess semplici;

2. Illi minghajr ebda pregudizzju anke jekk f' pessima ipotesi l-Ewwel Aggravju ma jigix milqugh l-esponenti ihoss li l-piena kienet esagerata. Illi ma kien hemm xejn xi jzomm lill-Ewwel Qorti biex alumenu issa l-esponenti hareg kompletament mill-problema tad-droga u strada ruhu fil-hajja, u anke tenut kont tal-ammont zghir ta' droga li nstabet, se mai messu gie kundannat mhux aktar minn sitt (6) xhur ta' prigunerija u dana dejjem bla pregudizzju kif inghad ghall-Ewwel Aggravju. Illi ukoll, l-Ewwel Qorti kienet harxa zzejjed meta ordnat sahansitra il-konfiska tal-vettura Toyota. Illi l-vettura b' ebda mod ma wiehed jista' jghid li kienet xi mezz ghal fini biex l-appellanti jixtri d-droga u ghalhekk bil-vettura u jew minghajra l-esponenti xorta kien ser ikollu jara kif se jinqeda tant kien b' sahhtu li kellu. Illi ghalhekk anke hawn jixraq li l-vettura ma tigiex konfiskata wkoll.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell huwa limitat biss ghal dik il-parti tad-decizjoni impunjata fejn l-appellanti gie misjub hati tar-reat tal-pussess bl-aggravanti tad-droga erojina. Dehrlu l-appellanti illi l-ammont zghir ta' droga li instabet fil-pussess tieghu konsistenti f'1.8 grammi u l-ispjegazzjoni moghtija minnu illi f'dak iz-zmien huwa kien jikkonsma bejn gramma u gramma u nofs droga, kienu jndikaw illi l-pussess ta' dik id-droga m kienx wiehed intiz ghall-ispacc. Subordinatament ghal din l-ewwel lanjanza, l-appellanti jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kellha tkun wahda fil-minimu u cioe' dik ta' sitt xhur prigunerija tenut kont tal-fatt illi huwa illum bniedem reformat u ma ghadx ghandu il-vizzju tad-droga, oltre illi kif inghad, l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tieghu kien wiehed minimu. Finalment talab illi anke l-ordni ta' konfiska tal-vettura tieghu tigi revokata u dan billi l-imsemmija vettura ma kellha l-ebda konnessjoni mal-kummissjoni ta' dan ir-reat addebitat lilu.

Ikkunsidrat,

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Issa mill-atti probatorji irrizultaw is-segwenti fatti mhux ikkontestati:

1. L-appellanti instab fil-pussess ta' mhux inqas minn ghoxrin borza jew *sachets* li kollha kien fihom xi ammont zghir ta' droga, bil-piz komplessiv ta' 1.8 grammi.

2. Fil-vettura ta'l-appellanti instabu diversi oggetti fosthom mizien, *money detetector*, zewg arloggi ta'l-idejn, erba' *mobile phones* u licenzja tas-sewqan ta' terza persuna.

3. Fuq il-persuna ta'l-appellanti instabu ukoll l-ammont ta' €1690 fi flus kontanti u zewg *mobile phones* ohra.

4. L-appellanti kien jabbuza mid-droga erojina u kien jikkonsma bejn gramma u gramma u nofs droga kuljum li kien jixtri ghal prezz ta' madwar €100.

5. Ftit tal-hin qabel jigi imwaqqaf mill-pulizija li kienu qed jaghmlu osservazzjoni fuqu, l-appellanti jigi innutat diehel il-bank flimkien ma' certu John Farrugia, u wara li johorgu minn hemm din il-persuna tidher qed tghaddi xi flus lill-appellanti.

6. Malli jigi imwaqqaf l-appellanti jipprova jahrab minn fuq il-post bil-vettura tieghu u jibla' borza li fiha kien hemm ghoxrin borza zghira ohra kontenenti d-droga.

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

Illi l-appellanti jirrilaxxja stqarrija mal-arrest tieghu fejn jaghzel li iwiegeb ghal xi mistoqsijiet li isirulu u ghal ohrajn jirrifjuta. Fil-Qorti, imbaghad jaghzel li jaghti id-deposizzjoni tieghu fejn jibqa' isostni illi d-droga li instabet fil-pussess tieghu kienet ghal konsum personali tieghu u li l-flus li kellu fuqu dak in-nhar ta'l-arrest kienu tieghu u cioe' flus li jippercepixxi mill-paga tax-xoghol fejn ighid li kien jahdem dak iz-zmien, l-Elbros Construction, u li kien ser ihallas l-*insurance* tal-karozza u il-licenzja bihom. Isostni illi kien ghal dan il-mottiv li dak in-nhar instabu fuqu dawn il-flejjes. Illi din il-Qorti ma kellhiex ix-xorti li tisma' lill-appellanti jiddeponi *viva voce* quddiemha, kif kellha okkazzjoni li taghmel l-Ewwel Qorti. Dan qed jinghad ghaliex huwa bil-wisq evidenti illi l-Ewwel Qorti kienet f'posizzjoni ahjar li taghmel l-apprezzament tal-provi li tressqu f'dan il-kaz u li tizen l-attendibbilita ta' dak li kien qed ighidilha l-appellanti.

Illi apparti ix-xhieda tieghu, l-appellanti ma iressaqx provi ohra. Dak li kellha tindaga, allura l-Ewwel Qorti kien jekk b'din il-prova maghmula minnu abbinata ma' dak mistqarr minnu fl-istqarrija minnu rilaxxjata lill-pulizija mal-arrest tieghu, huwa irnexxielux jikkonvincieha sal-grad tal-probabbli li dak li qed jikkontendi huwa minnu. Illi mill-konsiderazzjonijiet mistharrga dettaljatament mill-Ewwel Qorti jirrizulta illi l-appellanti ma lahaqx din il-grad ta' prova rikjesta minnu. U din il-Qorti ma tarax illi ghandha tibdel din il-fehma. Dan ghaliex kellu ikun l-appellanti li jippprova jissostanzja dak allegat minnu sabiex ixejjen il-provi indizzjarji imressqa 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Ibda biex ghalkemm huwa jikkontendi illi l-flus li instabu fil-pussess tieghu kienu derivanti mill-introjtu tieghu, u li hu kien gibidhom mill-kont bankarju tieghu, madanakollu, imbaghad ma iressaq l-ebda prova biex jissostanzja din l-affermazzjoni. La tigi prodotta xi *pay slip*, u wisq anqas xi *bank statement* jew xi *withdrawal slip* bankarja sabiex kemm din il-Qorti, kif ukoll l-Ewwel Qorti qabilha, ikunu f'posizzjoni jivverifikaw il-verosimiljanza ta' dak mistqarr mill-appellanti in difeza. Seta' anke facilment jigi ingunt bhala xhud l-*employer* precedenti

tieghu u cioe' xi rapprezentant tal-Elbros Construction, sabiex jikkonferma l-impjieg ta'l-appellanti u l-introjtu tieghu.

Fix-xhieda tieghu imbaghad hemm diversi *lacunae*. Dan ghaliex l-appellanti ma jaghti l-ebda spjegazzjoni dwar l-oggetti l-ohra li instabu fil-vettura tieghu u cioe' l-erba *mobile phones soiled*, jew danneggjati, mizien, *money detector*, *Sim Card* u licenzja tas-sewqan ta' terza persuna. Dawn ma isemmiehomx konvenjentement fix-xhieda tieghu, kif lanqas ma isemmi konvenjentement ukoll, illi qabel ma gie intercettat mill-pulizija huwa kien ghadu kemm kien il-Bank ma' certu John Farrugia maghruf mal-pulizija bhala il-Barka u li dan ta'l-ahhar kien ghaddielu xi flus. Dik il-prova ta' fatt stabbilita mill-Prosekuzzjoni huwa ma jeghlibhiex u ma jaghti l-ebda spjegazzjoni dwarha. Allura, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, dak mistqarr minnu illi l-flus kollha li kellu fuqu kienu tieghu ma ghandhiex mis-sewwa meta hemm xhud okulari li isostni illi ammont min dawk il-flus kien ghaddiehomlu ftit tal-hin qabel il-Barka. Dan ovvjament apparti il-fatt illi l-ammont ta' droga misjub fil-pussess tieghu kien maqsum f'ghoxrin borza – fatt indikattiv li dawn kienu intizi ghall-ispacc.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi ma ghandhiex tiddisturba ir-ragjonament ghaqli u studjat tal-atti probatorji maghmul mill-Ewwel Qorti. Dan ghaliex l-appellanti ma irnexxielux sal-grad ta' probabbli jeghleb il-prova maghmula mill-prosekuzzjoni permezz ta'l-indizzji minnha ipprezentati li jippuntaw kollha fid-direzzjoni tal-pussess fl-appellanti tad-droga intiza ghall-ispacc. Kwindi l-ewwel aggravvju qed jigi rigettat.

Illi jifdal ghalhekk biex jigu ezaminati l-ahhar zewg aggravji marbuta mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti u l-konfiska tal-vettura ta'l-appellanti. Issa l-Qorti fliet bir-reqqa il-motivazzjoni li wasslet lill-Ewwel Qorti biex teroga il-piena ta' disa' xhur prigunerija, flimkien ma' multa ta'€900 u tara illi l-piena erogata hija vicin hafna lejn il-minimu u ma tistax tifhem kif l-appellenti jista' iqies tali piena bhala wahda

eccessiva! Dan ghaliex l-Ewwel Qorti indubbjament kienet miti hafna lejn l-imputat u hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz meta giet biex tinfliggi il-piena ghar-reati li dwarhom kienet qed tinstab htija. Di piu' hija hadet in konsiderazzjonijiet dawk il-fatturi kollha indikati mill-appellanti fil-gravam minnu sottopost, fejn allura qieset l-ammont zghir tad-droga misjuba, il-fatt illi l-appellanti huwa illum bniedem reformat u li ghandu hajja stabbli. Illi lanqas jista' l-appellanti jippretendi illi din il-Qorti teroga piena ta' sitt xhur prigunerija li hija l-minimu indikat fil-ligi ghar-reat tal-pussess aggravat tad-droga, meta jirrizulta illi huwa gie ukoll misjub hati ta' reati ohra u cioe' dawk ikkontemplati fir-raba u il-hames imputazzjonijiet. Illi marbut ma' dan jinghad illi lanqas allura ghandu ragun l-appellanti meta jilmenta illi l-Ewwel Qorti erronjament ordnat il-konfiska tal-vettura tieghu billi din ma kenitx marbuta mal-akkwist jew bejgh tad-droga. Dan ghaliex l-Ewwel Qorti ordnat din il-konfiska u applikat il-provvediment ta'l-artikolu 23 tal-Kap.9, bhala parti minn dik l-piena li kienet marbuta mad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ghall-hames imputazzjoni u cioe' tar-reat tas-sewqan traskurat u perikoluz u mhux minhabba fil-htija dikjarat ghall-ewwel imputazzjoni kif jikkontendi erronjament l-appellanti f'dan l-aggravvju.

Dan ifisser allura li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda gusta u fil-fatt fil-minimu li setghet taghti ghar-reati kollha li taghhom l-appellanti gie misjub hati.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata. It-termini indikati mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata ghandhom jibdew jiddekorru mil-lum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur